**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Gunju 2017

Rikors Guramentat numru : 278/12 AL

A B

vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fl-10 ta' Settembru 1994 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok A) ;
2. Illi z-zwieg kien ivvizjat stante li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga ;
3. Illi l-kunsens tal-parti l-ohra kien ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq l-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet jew id-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19 (1)(h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta ;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b'mohha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporajna, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta ;
5. Illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fl-10 ta' Settembru 1994;

Bl-ispejjez u l-konvenuta ingunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha teccepixxi : (fol 15)

1. Illi fl-ewwel lok ma jezistux l-estremi legali biex iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti jigi mahlul jew dikjarat null fit-termini tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta. L-allegazzjonijiet lancjati kontra l-konvenuta fir-rikors promotur huma abbuzivi u malafamanti ghax kif ser jigi ippruvat fil-mori tal-kawza l-mara qaghdet u qdiet l-obbligi matrimonjali taghha fl-intier taghhom. Iz-zwieg ta' bejniethom huwa wiehed validu. Kull ma jrid l-attur hu li jipprova jehles mill-obbligi tieghu naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-kontendenti fosthom l-obbligu tal-manteniment;
2. Illi dato ma non concesso li hemm lok li z-zwieg jista' jigi dikjarat null, zgur mhux minhabba tortijiet tal-konvenuta u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza pero semmai minhabba tortijiet jew imputazzjonijiet unikament u esklussivament attribwibbli lir-rikorrenti li kwindi ghandha tbghati b'mod esklussiv l-ispejjez kollha tal-kawza;
3. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit dato ma non concesso li z-zwieg jigi annullat, dina l-Qorti ghandha tiddikjara li l-manteniment lill-mara ghandu jibqa' jigi somministrat ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni in

omagg tal-principju “pacta sunt servanda” jew de minimis tapplika l-effetti tal-artikolu 20 (5) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta in vista tal-fatt li z-zwieg jekk semmai ghandu jigi dikjarat null zgur b’tortijiet tal-attur stess u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

4. Illi t-talbiet attrici, sa fejn jirrigwardaw l-addebiti msemmija fir-rikors promotur, fil-konfront tal-intimata eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ma jirrizultawx fil-konfront tal-eccipjenti;
5. Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti ossia, eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti, inkluż l-affidavits u l-atti proċesswali kollha;

Semgħet lill-partijiet u lix-xhieda minnhom prodotti;

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum sabiex tingħata s-sentenza, b’dana illi l-partijiet ingħataw il-fakolta` li jippreżentaw in-noti ta’ sottomissjonijiet finali tagħhom;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet finali ippreżentata mill-abbli difensur tal-attur;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Din il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex iż-żwieġ bejn l-attur u l-konvenuta, li ġie kkontrattat fl-10 ta’ Settembru 1994,

jiġi ddikjarat null u bla effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(c), 19(1)(d), u/jew 19(1)(h) tal-Att Dwar iż-Żwieġ[1].

PROVI

Il-partijiet iżżewġu fl-10 ta' Settembru 1994 fil-Knisja Parrokjali ta' Ħal-Lija meta l-attur kellu tlieta u għoxrin (23) sena u l-konvenuta kellha wieħed u għoxrin (21) sena.[2] Kien ilhom għarajjes qrib il-ħames snin. Miż-żwieġ twieldu żewġ' ulied subien, l-iżgħar fosthom ibati minn problema ta' ADHD severa. L-attur kien jaħdem bħala mechanic, u biddel diversi impjiegi sakemm daħal Pulizija. Il-konvenuta fl-għerusija kienet taħdem ġo fabbrika. Wara ż-żwieġ, ma ħadmitx barra mid-dar u ddedikat ruħha għall-familja u d-dar.

L-attur jilmenta illi fl-għerusija[3], l-partijiet ftit qattgħu ħin flimkien għaliex missier l-għarusa kien strett u kien jesiġi li bintu tkun id-dar fit-8.30pm. Inoltre l-Ħdud (kemm fl-għerusija u wkoll fiż-żwieġ) kienu jqattgħuhom fir-raba' tal-familja tagħha ġewwa l-Armier, fejn martu kienet taqta' t-tadam jew taqla' l-patata[4]. Inoltre, kienu jaħdmu sigħat twal[5] biex ilaħħqu mal-ispejjeż tad-dar li kienu qegħdin jillestu, dar bi tliet sulari ġewwa l-Mosta. Wara ż-żwieġ, martu qaltlu diversi drabi li kienet iżżewġitu biex teħles mill-irbit ta' missierha. *"Minn ftit wara li żżewwiġna kienet tgħidli li ma tħobbnix, ma tħoss xejn għalija u qegħda miegħi minħabba t-tfal u biex ma tinkwetax lil missierha. Kemm-il darba qaltli sabiex immur jien l-ewwel għand avukat ħalli nibgħatilha ittra biex tissepara ħalli hi ma tidhirx kerha mal-familja tagħha."*

---

[1] Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta

[2] Kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ esebit fol. 4.

[3] L-affidavit tal-attur huwa esebit fol. 5

[4] Xiehda tal-attur tad-19 ta' Ġunju 2014, fol. 50

[5] *"Kienet taħdem daqs bagħla il-Menrad"* – Xiehda tal-attur tad-19 ta' Ġunju 2014, fol. 49

Jixhed li l-mara kienet iffissata li d-dar tkun mimlija bħal ta' ħutha għalhekk hu kellu jagħmel ħafna *extra duties* biex iħallas id-dejn relatat mad-dar għall-affarijiet li kienet tixtieq martu bħal puġġaman u irħam. Kienet iffissata wkoll fit-tindif tad-dar u ġġiegħlu jaħsel il-garaxx bil-katusi li hemm għaddejjin ġo fih, l-inkwatri, t-tubi u saħasitra t-travi, dana meta jkun ġie mix-xogħol ta' bil-lejl.

Jilmenta li hu u martu rarament kien ikollhom x'jaqsmu flimkien *"darba f'mitt qamar"*[6], *"ġieli għaddew xhur minn darba għall-oħra".* Inoltre kienet terfa' jdejha fuqu u wkoll fuq it-tfal[7]. *"Ġieli waddbitli ornamenti mid-dar, attakkatni b'sikkina u tagħmel ġimgħat sħaħ ma tkellimnix."*

Bdiet issakkru barra meta jdum ix-xogħol u għalhekk kien ikollu jċempel lil missierha biex jgħidilha tiftaħlu. Fix-xhieda tiegħu isemmi diversi eposodji oħra li ġraw matul iż-żwieġ sakemm eventwalment il-partijiet isseparaw bonarjament f'Settembru 2012. Wara s-separazzjoni, l-konvenuta kienet wettqet attentat ta' suwiċidju fejn ħadet doża esaġerata tal-kalmanti lilha preskritti.

Dwar il-fissazzjoni tal-konvenuta fl-indafa, l-attur xehed li hu ma kienx jiflaħ iktar għall-attitudni ta' martu u għalhekk fittex l-għajnuna tat-tabib tiegħu li rreferieh għand il-psikjatra Dr. Joseph Cassar. Il-psikjatra kien qallu li hu ma kellux problemi u kien qiegħed jirraġuna sew. Talbu biex jara lil martu u fil-fatt kien ippreskrivielha xi kalmanti. Fil-fatt, min-notamenti ta' Dr. Joseph Cassar[8] li kien ra lill-partijiet fis-sena 2003, jirriżulta illi l-attur kien qiegħed ibati għaliex kien megħlub (overwhelmed) mis-sitwazzjoni tad-dar fejn il-mara kienet *extremely obsessional* u t-tifel illi kellu problemi kbar fl-imġieba. Għalhekk

[6] Fi kliem ix-xhud Brian Avellino - affidavit fol. 23

[7] Ritratti esebiti fol. 27 u ċertifikat mediku fol. 28

[8] Xiehda mogħtija minn Dr. Joseph Cassar fid-19 ta' Ġunju 2014, fol. 44

kien bdielu mediċina ħafifa li biha mar tajjeb u għalhekk wara ċirka erba' xhur kien waqqafha. Lill-konvenuta kien ippreskrivielha mediċina iktar qawwija. L-attur kien iktar tard irrappurtalu li martu kienet sejra tajjeb b'din il-mediċina.

Min-naħa tagħha, l-konvenuta ssostni li ma jeżistux l-estremi sabiex iż-żwieġ tagħhom jiġi ddikjarat null. L-attur qiegħed sempliċiment jipprova jeħles mill-obbligi tal-manteniment naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni bejniethom.

Hija tispjega illi żewġha anke meta jkun fiżikament preżenti fid-dar, xorta kien jagħżel li ma jqattax il-ħin magħhom għaliex kien ikun għejjien u kien irid jistrieħ fuq is-sufan. Kien ikun għejjien wara x-xogħol ta' bil-lejl u minkejja l-ħinijiet twal li kien iqatta' xogħol, xorta waħda ma kinux ilaħħqu mal-ħajja bil-paga tiegħu biss. Tilmenta li anke waqt it-tqala, kienet tmur għall-visti weħidha fil-biċċa 'l kbira u dana peress li kien ikun xogħol. Tispjega li fit-tieni tqala, kellha kanċer tal-għonq tal-utru u għalhekk hija kellha tieħu trattament għal dan. It-tifel wkoll kien jeħtieġ iktar attenzjoni u ħafna trattament is-CDAU għaliex ibati mill-kondizzjoni tal-ADHD u huwa wkoll dyslexic. Kemm it-trattament tagħha u wkoll il-viżti tat-tifel dejjem ħadet ħsiebhom hi weħidha. *"Tul dan iż-żmien diffiċli ma kien hemm xejn għajnuna min-naħa ta' Chris, anzi kien jgħidli li nagħtih il-mediċini biex nagħmel il-faċendi tad-dar meta hu kien ikun xogħol."* Il-kondizzjoni tat-tifel kienet tant gravi li kienu jċemplulha mill-iskola biex tmur għalih għaliex ma joqgħodx. Anki fid-dar jekk iżżommlu xi ftit tad-dixxiplina, it-tifel jaħrab mid-dar, jew isakkar lil ommu fil-gallarija. Tilmenta li qatt ma sabet sapport mingħand żewġha f'dawn iċ-ċirkustanzi u għalkemm kien jgħidilha li la jasal id-dar ser ikellmu, qatt ma kien jagħmel dan. *"Hu qatt ma ta l-attenzjoni li kien hemm bżonn għall-problema tat-tifel."*

Il-konvenuta tixhed li żewġha llum jgħix ma' mara oħra u li minnha għandu tarbija, fatt li m'huwiex kontradett mill-istess attur, anzi li jikkonfermah huwa stess fix-xhieda tiegħu.

Mix-xiehda tal-ħaddiema soċjali **Simone Buttigieg**[9] jirriżulta li l-attur m'huwiex parteċipi fil-viżti li iben il-partijiet Malcolm ikollu magħha jew mal-psikologa. Fis-sentejn li ilha ssegwi lill-minuri, lill-attur ratu biss darba għaliex bagħtet għalih sabiex jagħtiha l-kunsens li t-tifel jiġi riferut għand psikologa. Hija taf li l-minuri m'għandux kuntatt ma' missieru u li l-minuri jħossu mweġġa' li missieru għandu sieħba oħra u tarbija minnha.

Xehdet ukoll **Maria Pia Gauci**[10], qariba tal-konvenuta, li lill-partijiet tiftakarhom miżżewġin fil-bidu u li tiftakarhom bħala koppja normali. Tgħid li l-problemi bdew wara t-tieni wild għaliex kien tarbija diffiċli u l-*milestones* tiegħu kienu iktar diffiċli per eżempju biex jaqta' l-ħarqa dam iżjed u ried jibda jmur l-iskola. Hija tiftakar lil C fil-biċċa l-kbira weħidha u mingħajr l-għajnuna ta' Chris. Bdew jinqalgħu l-argumenti għaliex C kienet titlob l-għajnuna tiegħu imma ħafna drabi kien ikun assenti. Peress li tgħix viċin tagħhom, tiftakar lil C tmur lura l-iskola tat-tifel għaliex ma jkunx irid joqgħod.

PRINĊIPJI LEGALI

F'dan l-istadju, l-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-kawżali li fuqhom hija msejsa l-kawża odjerna u cioe l-Artikoli 19(1)(c), 19(1)(d), u 19(1)(h) tal-Att dwar iż-Żwieġ, illi jistipulaw:

***19. (1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:***

[9] Mogħtija fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2016, fol. 79
[10] Mogħtija fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2016, fol. 84

***(ċ) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;***

***(d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;***

***(h) jekk xi waħda mill-partijiet, għalkemm ma tkunx interdetta jew marida b'moħħha, ma kellhiex fiż-żmien li sar iż-żwieġ, ukoll minħabba raġuni temporanja, setgħat intelletwali jew ta' rieda biżżejjed biex jinħoloq kunsens għaż-żwieġ.***

Illi l-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina n-nullita' taż-żwieġ *o meno* taħt dawn is-sub-artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taħt l-Artikolu **19(1)(c)**.

Dwar l-Artikolu 19(1)(c) u cioe' li l-kunsens tar-rikorrenti nkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-oħra li tista' mix-xorti tagħha tkixkel serjament il-ħajja miżżewġa, issir referenza għall-kawża fl-ismijiet Pierina Micallef vs. Bentanfous Amor[11] fejn ġie dikjarat li *"Kwantu għal "qerq" …. dan ċertament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodiċi Ċivili. L-egħmil doluż pero` ma jista' qatt ikun preżunt u għandu jiġi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbiegħed ir-raġuni u jegħleb il-volonta`".*

---

[11] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 2002 (Ċitazzjoni Numru 1176/2000/1PS)

Espożizzjoni tat-tifsira tal-qerq fit-termini tal-liġi taż-żwieġ tagħna ingħatat fil-kawża fl-ismijiet Mary Farrugia vs. John Farrugia[12]. Il-Qorti sostniet illi l-qerq irid jinċidi direttament fuq l-intellett ta' xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ u indirettament fuq il-volonta` tal-persuna ngannata. Fil-każ tal-qerq, huwa l-intellett tal-partijiet li jintlaqat mhux il-kunsens. "Kif jispjega il-ġurista Jose' Castano *"Il dolo causa direttamente errore nell'intelletto del paziente, il quale ex errore consente."* Dan il-qerq jista' jiġi kemm minn waħda mill-partijiet fiż-żwieġ kif ukoll minn terza persuna. Biex jissussisti l-qerq ravviżat fis-sub artikolu in eżami iridu jikkonkorru erba' affarijiet:

1) il-qerq jiġi perpetrat bil-ħsieb li wieħed jikseb il-kunsens tal-parti;
2) li l-qerq ikun inċida fuq il-kunsens tal-parti;
3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita` tal-parti l-oħra;[13]
4) li din il-kwalita` tkun tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa. Mhux neċessarju li l-ħajja miżżewġa ġiet effettivament imfixkla, imma li kien hemm il-potenzjal li titfixkel.

Illi l-Qrati tagħna dejjem sostnew li ż-żwieġ ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk waħda mill-partijiet tagħti l-kunsens tagħha għax tkun ġiet imqarrqa jew mill-parti l-oħra jew minn xi ħaddieħor dwar xi kwalita` tal-parti l-oħra.[14] Bi kwalita` tal-persuna, il-Qorti tifhem illi l-qerq ikun relatat mal-persuna

---

[12] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Marzu 1995 (Ċitazzjoni Numru 1190/94VDG)

[13] Carmelo sive Charles Mifsud vs. Anna Mifsud nee' Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP) u AB vs. Dr. Leontine Calleja et noe deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-6 t'April 2017 (Rikors Ġuramentat 21/16AL)

[14] Fattah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit- 22 ta' Novembru 1982, kif iċċitata b'approvazzjoni f'Carmelo sive Charles Mifsud vs. Anna Mifsud nee' Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

innifisha bħal ma hija persuna marida, infertili jew afflitta mill-ġenn, jew ivvizzjata bid-droga, bl-alkoħol jew bil-logħob tal-ażżard, li taħbi tali vizzju jew mard mill-konjuġi l-ieħor qabel iż-żwieġ, jew persuna t'orjentazzjoni sesswali mhux kif mistenni fir-relazzjoni partikolari[15].

Fis-sentenza fl-ismijiet Stephen Sciberras vs. Avukat Francesco Depasquale et nomine[16] il-Qorti ċċitat dak stipulat fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Louis Agius vs. Georgia Agius xebba Gauci[17], fejn ikkwotat b'approvazzjoni dak li jgħid l-awtur L. Wrenn fil-ktieb tiegħu "Annulment" li sostna li sabiex ikun hemm nullita` ta' żwieġ fuq il-bażi li l-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa, huwa meħtieġ li tali kwalita`:

1. tkun waħda inerenti għall-persuna u mhux xi att fil-passat;
2. tkun preżenti fil-mument taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ;
3. tkun gravi jew oġġettivament jew soġġettivament;
4. ma tkunx magħrufa lill-parti l-oħra;
5. tiġi mistura frawdolentement sabiex jiġi ottjenut il-kunsens maritali;
6. trid tipprovoka kriżi meta tiġi skoperta, għax inkella jitqies li l-iżball ma kienx sostanzjali.

Din il-kawżali ġiet ukoll ikkonsidrata fil-każ John Borg vs. Paula sive Polly Borg[18] fejn ġie osservat li:- *Il-leġislatur Malti, iżda, għażel li jillimita l-qerq, bħala kawża ta' nullita' ta' żwieġ, għall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oġġettivament gravi, li jinċidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-għanijiet taż-żwieġ".* Il-Qorti

---

[15] Bħal fil-każ ta' David Buhagiar vs. Roseanne nee Maile, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 t'April 1995, (Ċitazzjoni: 1584/94VGD);
[16] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 2002 (Ċitazzjoni Numru 1781/1998/1PS)
[17] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Civili fid-19 ta' Ottubru 1988
[18] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Mejju 1995 (Ċitazzjoni Numru 591/94VDG)

kkwotat lill-awtur **Viladrich** fejn dana sostna illi *“The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality must be objectively grave and establishes the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, properties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial”.*

Illi l-Qorti tirreferi wkoll għall-**artikolu 19(1)(d)** tal-Att dwar iż-Żwieġ illi fuqu wkoll l-attur isejjes l-azzjoni tiegħu.

Illi b’difett serju ta’ diskrezzjoni dwar il-ħajja miżżewġa u/jew l-elementi essenzjali tagħha, il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta’ mmaturita’ li parti jew oħra fiż-żwieġ tista’ tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita’ sħiħa u perfetta, ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. Kunsens validu iżda jeħtieġ konoxxenza sħiħa ta’ dak kollu li jkunu deħlin għalih il-partijiet u impenn għall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita’ li tagħmilhom kapaċi jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa u jkunu għalhekk kapaċi jerfgħu u jwettqu l-istess matul il-ħajja matrimonjali tagħhom. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita’ affettiva, liema maturita` affettiva tkun fil-konfront ta’ xulxin. Jekk xi waħda minn dawn l-elementi hija b’xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kif rikjest mill-liġi.

Illi mill-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati jidher ċar illi l-kunsens mogħti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens sempliċi rikjest fil-kuntratt in ġenerali għaliex il-kuntratt taż-żwieġ huwa wieħed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi għalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' żwieġ mhux biss irid ikollhom il-kapaċita' li jagħtu dak il-kunsens, iżda li l-istess irid jiġi mogħti bl-aktar mod liberu u xjenti għal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taż-żwieġ.[19]

Kif jispjega l-awtur **Bersini** *"e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio."*[20]

L-awtur **Pompedda** jispjega kif ġej *"se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e*

---

[19] Marita Schembri vs. Emmanuel Schembri, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' April, 2003, (Ċitazzjoni Numru. 1081/2001/1RCP)

[20] Bersini Francesco, Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP)

*adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"*[21]

Illi kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta' ġudizzju tikkonsisti f'żewġ elementi distinti iżda konkorrenti u interdipendenti: *"la piena avvertenza e il deliberato consenso …. La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* [22]

Illi l-awtur **Viladrich** jispjega li:- *"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage,which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to*

---

[21] Pompedda Mario Francesco, Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento, (Bologna, 1991), pp. 231, 233– kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP)

[22] Bersini Francesco, Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Angela Spiteri Selvaggi vs. Joseph Spiteri mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru 1994

*the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"*[23]

Dwar Artikolu **19(1)(h)** u cioe' li l-kunsens kien vizjat stante li wieħed mill-partijiet għalkemm mhux interdett jew marid b'moħħu, ma kellux fiż-żmien li sar iż-żwieġ, ukoll minħabba raġuni temporanja, setgħet intelletwali jew ta' rieda biżżejjed biex jinħoloq kunsens għaż-żwieġ, din il-Qorti taghmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Evelyn Agius vs. John Borg[24], fejn intqal illi jistgħu jaqgħu taħt dan il-paragrafu persuni taħt l-eta` ta' sittax-il sena li huma preżunti mil-liġi tagħna li m'għandhomx setgħat intellettwali. *"Jistgħu jaqgħu taħt dan il-paragrafu wkoll dak li fil-mument taż-żwieġ ikunu taħt l-effett ta' droga, alkolħol etc, anke jekk biss temporaneament."*[25]

Issir referenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet Emmanuel Briffa vs. Veronica Briffa et[26] fejn ġie invokat is-sub-artikolu hawn iċċitat bħala kawżali għall-annullament, u l-Qorti segwiet b'approvazzjoni lill-awtur JR Keating illi sostna *"when giving the consent the person must have enjoyed the degree of psychological freedom which is necessary and sufficient to ensure his basic powers of choice."*

Din il-Qorti tagħmel ukoll referenza partikolari għall-kawża fl-ismijiet MM vs. JM deċiża nhar id-9 ta' Marzu 1994[27] fejn ġie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iż-żwieġ bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le.

---

[23] Viladrich, Pedro Juan, Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Lydia Musu` vs. Dr. Ian Spiteri Bailey et. noe. mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 t' Ottubru, 2002, (Ċitazzjoni Numru. 390/1999/1RGM)

[24] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 t'Ottubru 1995, (Ċitazzjoni 490/94VDG);

[25] Ara s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet AB vs. CD tad-29 t'Ottubru 2015 (Rikors Ġuramentat: 210/14AL)

[26] Deċiża nhar it-2 ta' April 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Ċitazzjoni 496/1995/2RCP)

[27] Deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell

Ġie stipulat illi *"Il-punt pero` relevanti, stante li hawn wieħed qed jitkellem fuq annullament taż-żwieġ, huwa x'kien l-istat mentali tal-konvenut fiż-żmien meta daħal fil-kuntratt taż-żwieġ, u cjoe jekk il-kunsens tiegħu kienx ivvizzjat fis-sens li minħabba l-istat mentali tiegħu hu ma kienx f'pożizzjoni li jifhem għal dak li kien dieħel, u għalhekk setax kellu f'dan iż-żmien stat mentali li ma kienx kompetenti minħabba fih li jikkuntratta ż-żwieġ"*

<u>APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN</u>

Jirriżulta ampjament ippruvat illi l-ħajja konjugali bejn il-partjiet tkissret irrimedjabilment u li kien hemm diversi kawżali li jiġġustifikaw is-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

Illi, iżda, l-istess ma jistax jingħad għall-kawżali tal-annullament. M'huwiex ikkontestat illi f'ċertu punt il-konvenuta kienet tbati minn *Obsessive Compulsive Disorder* u li tagħha kienet tieħu l-kura. Dan kien fl-2003, u cioe disa' snin wara l-għoti tal-kunsens tal-partijiet. Iżda lanqas minimament ma ġie ippruvat illi:

1. tali kondizzjoni kienet eżistenti minn qabel iż-żwieġ
2. tali kondizzjoni setgħet affetwat il-kunsens tal-konvenuta fiż-żwieġ.

Il-punt kruċjali huwa x'kien l-istat mentali tal-konvenuta fiż-żmien meta daħlet fil-kuntratt taż-żwieġ, u cioe jekk il-kunsens tagħha kienx ivvizzjat fis-sens li minħabba l-kondizzjoni tal-*Obsessive Compulsive Disorder*, hi ma kinitx f'posizzjoni li tifhem dak li kienet dieħla għalih.

*"Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li fejn wieħed jitkellem fuq annullament u mhux fuq separazzjoni jew divorzju fiż-żwieġ, huwa proprju fil-mument li jrid ikun hemm in-nexus ta' kawżalita*

*bejn il-kunsens mogħti internament u dak mogħti esternament.”*[28]

Il-Qorti hija tal-fehma illi ma nġiebet ebda prova li turi li fil-mument li tat il-kunsens tagħha il-konvenuta kien issofri minn xi kondizzjoni mentali li konsegwenza tagħha dan iż-żwieġ għandu jiġi annullat. Dana ma jfissirx li sussegwentement ma żviluppawx ċirkostanzi li jagħtu d-dritt lill-partijiet jitolbu s-separazzjoni minn xulxin, kif fil-fatt għamlu. Pero` din il-Qorti hija rinfaċċata b'kawża għall-annullament ta' żwieġ li jissinjifika li fil-ħin tal-kunsens iż-żwieġ kien mhux validu *ab initio*. F'dan il-każ, dan ma jirriżultax u għalhekk il-kawżali riżultanti mill-Artikolu 19(1)(h) ma tistax tirnexxi.

Illi jsegwi wkoll, li ladarba m'hemm l-ebda prova li l-kondizzjoni eżistiet sa mill-għerusija, ċertament il-kawżali tal-qerq ma tistax tirriżulta u cioe l-attur ma jistax jippromwovi b'suċċess l-azzjoni fejn jgħid li martu qarrqet bih biex akkwistat il-kunsens tiegħu għax ħbietlu li hija kienet tbati minn din il-kondizzjoni. *“Meta l-liġi titkellem “dwar xi kwalita` tal-persuna l-oħra” wieħed jifhem dawk il-kwalitajiet li jikkaratterizzaw fost aspetti oħra l-personalita`, kultura, posizzjoni soċjali, konvinzjonijiet morali, u edukazzjoni tal-konjuġi l-ieħor. Dan dejjem b'referenza għall-mument taż-zwieġ*[29]*. U allura ma jistax jittieħed qies ta' dik il-verita` dwar dawn il-kwalitajiet skoperti wara ż-żwieg.”*[30]

Illi għaldaqstant l-ewwel u t-tielet kawżali għall-azzjoni t'annullament imsejsa fuq l-Artikoli 19 (1)(c) u 19(1)(h) rispettivament, f'dan il-każ, ma jirriżultawx.

---

[28] MM vs. JM, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu 1994;
[29] Sottolinear tal-Qorti
[30] Marica d'Amato vs. Philip d'Amato, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Jannar 2003, (Ċitazz. Numru: 575/1999/1PS)

Dwar it-tieni kawżali, u cioe l-allegazzjoni ta' nuqqas ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju min-naħa tal-konvenuta, filwaqt illi l-Qorti ma teskludix li kien hemm inkompatibilta` ta' karattru bejn il-partijiet, dina ma twassalx għal nullita` għaliex l-inkompatibilita` fiha nnifisha ma tinċidix fuq il-kunsens matrimonjali[31]. Minkejja l-inkompatibilita` ta' bejniethom, li wasslet biex irrendiet il-ħajja matrimonjali bejniethom infern għal xulxin, ma jirriżultax illi l-konvenuta ma fehmitx l-obbligi tagħha fiż-żwieġ, bħalma jallega l-attur.

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa il-provi kollha miġjuba f'din il-kawża u ma tista' ssib xejn fihom li b'xi mod jippruvaw, imqar fuq bażi ta' probabilita`, il-vizzji tal-kunsens allegati mill-attur. M'hemmx l-iċken indikazzjoni li l-elementi tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kienu neqsin mill-konvenuta fil-mument illi taw il-kunsens. Il-konvenuta kienet matura biżżejjed biex tifhem x'inhu ż-żwieġ, u x'kien rikjest minnha bħala mara miżżewġa. Hija daħlet għaż-żwieġ impenjata biex tieħu ħsieb darha u lill-familja tagħha u f'dan l-aspett il-Qorti ċertament ma tistax issib ħtija. Hija kienet u għadha tieħu ħsieb uliedha bir-reqqa meħtieġa, anke tenut kont tal-problemi fl-imġieba li għandu l-wild minuri. Huwa minnu li l-attur jilmenta li l-intimita` bejniethom, li wkoll hija element essenzjali fiż-żwieġ, kienet ħaġa rari, iżda dana jista' jkun riżultat li l-konvenuta bdiet tħossha abbandunata minn żewġha li ħalliha tfendi weħidha mal-problemi ta' uliedhom, kif ukoll minħabba l-fatt li l-konvenuta spiċċat darbtejn infettata wara li kellha x'taqsam ma' żewġha[32].

Il-Qorti tagħmel tagħha l-insenjament tal-kawża Anna Tonna xebba Vassallo vs. Alexander Tonna[33] fejn intqal *"Fejn verament jirriżultaw ragunijiet għall-annullament tiegħu, l-istess*

---

[31] Ara Carmelo sive Charles Saliba vs. Mary Saliba, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 t'Awwissu 1995 (Ċitazz. Numru: 1215/1994VDG)
[32] Xiehda tal-konvenuta tad-9 ta' Novembru 2016, fol. 88
[33] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991

*żwieġ għandu jiġi annullat pero` dan m'għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawża għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju, ħaġa li hija għal kollox nieqsa f'din il-kawża."*

**DEĊIDE**

Illi għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi **<u>tiċħad</u>** it-talba attriċi, bl-ispejjeż kontra l-attur.